MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1826/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Ray Avallone sija bil-ligi u l-istess Ray Avallone**

**Vs**

**Jason Vassallo**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm329.60c (tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tal-11 ta' Novembru, 1998 bejn il-vettura DAK 040 misjuqa minn Edgar Bonnici Cachia u l-vettura AAM 785 tal-konvenut, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta li fiha l-konvenut jghid li ma hu bl-ebda mod responsabbli ta' dana l-incident izda liema l-istess incident gara unikament tort tal-assikurat jew is-sewwieq tieghu.

Ra r-Road Accident Report u l-iskizz fejn Edgar Bonnici Cachia bil-vettura DAK 040 qal li hu kien wieqaf qabel ma saq ghal Valley Road Msida, ftit qabel il-lights, fejn il-konvenut bil-vettura AAM 785 baqa' diehel gol-vettura tieghu. Ra l-konvenut bil-vettura AAM 785 fejn qal li kien qed isuq f'Valley Road, lejn id-direzzjoni tal-Msida fejn il-vettura DAK 040 baqghet diehla fil-genb tax-xellug tal-vettura tieghu.

Ra s-seduta datata 11 ta' Marzu, 2002 fejn Edgar Bonnici Cachia, prodott mis-socjeta' attrici, qal li dakinhar tal-incident il-mechanic kien qed isuq il-vettura tieghu u hu kien qed isuq warajh b'karozza tal-kiri. Edgar Bonnici Cachia qal li kien wieqaf x'hin gara l-incident, kien qed jistenna peress li l-lights kienu homor. Bonnici Cachia qal li kif qalbu l-lights it-truck speedja u  hadlu l-bumper ta' quddiem. Fil-kontro-ezami Bonnici Cachia ma qabilx mal-iskizz, qal li fil-mument tal-habta ma kienx fuq il-main road izda lura mill-bankina.

Ra l-istess seduta fejn il-konvenut Jason Vassallo qal li qala' mil-lights kif inbiddel ghal ahdar. Jason Vassallo jaqbel mal-iskizz.

Ra s-seduta tat-2 t'Ottubru, 2002 fejn Jason Vassallo qal li t-truck tieghu kien biz-ziemel b'kaxxa wara u hu qala' kif qalbu l-lights. Il-konvenut qal li il-wisgha taz-ziemel u tal-kaxxa huma l-istess u illi Bonnici Cachia habat go nofs it-truck tal-konvenut.

Illi Edgar Bonnici Cachia qal li kien wieqaf meta gara l-habta. Il-konvenut qal li Bonnici Cahcia saq ghal go fih meta kien ghaddej.

Illi certament Bonnnici Cachia kellu l-obligu li jara jekk hemmx traffiku qabel ma johrog fil-main road. Il-verzjonijiet tal-partijiet huma opposti. Il-fatt li skond l-iskizz jidher li Bonnici Cachia hareg ftit fuq il-main road jindika li

l-istess Bonnici Cachia ma kienx qed isuq skond ir-regolamenti tat-traffiku.

Illi fid-dawl tal-provi prodotti t-Tribunal ma jistax jikkonkludi li l-konvenut kien responsabbli ghal incident. Ghaldaqstant jichad it-talba attrici bl-ispejjez.

--------------------------------TMIEM--------------------------------